



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0083/2014

11.2.2014

RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta Clean Sky 2
(COM(2013)0505 – C7-0255/2013 – 2013/0244(NLE))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Christian Ehler

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- (III) Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

	Paġna
ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	40
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	44

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (COM(2013)0505 – C7-0255/2013 – 2013/0244(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0505),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 187 u 188(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0255/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0083/2014),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

**Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar Aġenda għal Ġejjieni Sostenibbli għall-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali^{1a} jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp

u l-innovazzjoni ajrunawtiċi, b'mod partikolari mill-SMEs li jiżviluppaw u jibnu inġenji tal-ajru għall-avjazzjoni ġenerali u kummerċjali;

1^a ĠU C 67 E, 18.3.2010, p.5.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) għandu l-għan li jikseb impatt akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jgħaqqad il-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-fondi tas-settur privat fi sħubijiet pubbliċi-privati f'oqsma ewlenin fejn ***ir-riċerka*** u l-innovazzjoni ***jistgħu*** jikkontribwixxu għall-miri kompetittivi usa' tal-Unjoni u biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà. L-involviment tal-Unjoni ***f'dawn is-sħubiji jistgħu*** jieħdu l-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal impriżi konġunti stabbiliti abbażi tal-Artikolu 187 tat-Trattat skont id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE.

Emenda

(4) Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) għandu l-għan li jikseb impatt akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jgħaqqad il-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-fondi tas-settur privat fi sħubijiet pubbliċi-privati f'oqsma ewlenin fejn ***hu possibbli li r-riċerka*** u l-innovazzjoni jikkontribwixxu għall-miri kompetittivi usa' tal-Unjoni, ***joħolqu lieva għall-investment privat***, u ***jgħinu*** biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà. ***Dawn is-sħubijiet għandhom ikunu bbażati fuq impenn fit-tul, inkluża kontribuzzjoni bbilanċjata mill-imsieħba kollha, ikunu responsabbli għall-kisba tal-miri tagħhom u jkun allinjati mal-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni dwar ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-governanza u l-funzjonament ta' dawk is-sħubijiet għandhom ikunu miftuħa, trasparenti, effettivi u effiċjenti u jagħtu l-opportunità sabiex medda wiesgħa ta' partijiet interessati jipparteċipaw fl-oqsma speċifiċi tagħhom. Hu possibbli li l-involviment tal-Unjoni f'dawk is-sħubijiet jista' jieħu l-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal intrapriżi konġunti stabbiliti abbażi tal-Artikolu 187 tat-Trattat***

skont id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE.

⁷ OJ ... [H2020 FP]

⁷ **Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104)**

(Ara l-Artikolu 19 tar-Regolament Orizzont 2020)

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda tenfasizza l-prinċipji importanti li ġew maqbula matul in-negozjati ta' Orizzont 2020 dwar JTIs u l-kisbiet li għandhom jilhq.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Skont **id-Deċiżjoni (UE) Nru .../2013 tal-Kunsill ta' ... 2013 li tistabilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 (2014-2020)** għandu jingħata iktar sostenn għal impriżi konġunti stabbiliti taħt id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE skont il-kundizzjonijiet speċifikati fid-Deċiżjoni (UE) **Nru .../2013**.

Emenda

(5) Skont **ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2013/743/UE**⁸ għandu jingħata iktar sostenn għal impriżi konġunti stabbiliti taħt id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE skont il-kundizzjonijiet speċifikati fid-Deċiżjoni **tal-Kunsill Nru 2013/743/UE**.

⁸ OJ ... [H2020 SP]

⁷ **Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2013/743/tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 (2014-2020 u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).**

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi inkluża referenza mhux biss għall-Programm Speċifiku, iżda wkoll għall-Programm Qafas, għaliex dan huwa importanti biex tintwera konformità mal-Artikolu 19 tal-Programm Qafas u l-prinċipji ddikjarati fih.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-Impriża Konġunta Clean Sky stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 71/2008 tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta "Clean Sky"⁹ tkun qed tissodisfa l-għanijiet tagħha li jstimulaw riċerka ġdida fi ħdan il-qafas ta' sħubija pubblika-privata li jippermetti l-kooperazzjoni li tkun tista' sseħħ fost il-partijiet interessati tal-ajrunawtika Ewropej. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom sehem **estensiv f'Clean Sky**, b'madwar 40% tal-baġit għal sejħiet għall-proposti allokatilhom. L-evalwazzjoni interim¹⁰ tal-Impriża Konġunta Clean Sky uriet li l-Impriża Konġunta qed jirnexxiha tistimula l-iżviluppi lejn miri ambjentali. **Barra minn hekk, Clean Sky irnexxiela tattira parteċipazzjoni estensiva u mifruxa mill-industriji ewlenin kollha tal-UE, inkluż għadd kbir ta' SMEs.** Dan wassal għal kollaborazzjonijiet ġodda u għall-partiċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet ġodda. Iż-żona ta' riċerka tiegħu għalhekk għandha tkompli tiġi appoġġata sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha kif **iddikjarati** fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

⁹ ĠU L 30 4.2.2008, p.1-20

¹⁰ SEC/2011/1072 finali

Emenda

(6) L-Impriża Konġunta Clean Sky stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 71/2008 tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta "Clean Sky"⁹ tkun qed tissodisfa l-għanijiet tagħha li jstimulaw riċerka ġdida fi ħdan il-qafas ta' sħubija pubblika-privata li jippermetti l-kooperazzjoni li tkun tista' sseħħ fost il-partijiet interessati tal-ajrunawtika Ewropej. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom sehem **moderat fi Clean Sky**, b'madwar 40 % tal-baġit għal sejħiet għall-proposti allokatilhom. L-evalwazzjoni interim¹⁰ tal-Impriża Konġunta Clean Sky uriet li l-Impriża Konġunta qed jirnexxiha tistimula l-iżviluppi lejn miri ambjentali. Dan wassal għal kollaborazzjonijiet ġodda u għall-partiċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet ġodda. Iż-żona ta' riċerka tiegħu għalhekk għandha tkompli tiġi appoġġata sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha kif **iddikjarati** fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

⁹ ĠU L 30 4.2.2008, p.1-20

¹⁰ SEC/2011/1072 finali

Ġustifikazzjoni

Billi l-parti l-kbira tal-allokkazzjoni baġitarja saret permezz ta' sejħiet għall-proposti, il-parteċipazzjoni f'termini assoluti kienet baxxa.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) L-appoġġ kontinwu għall-programm ta' riċerka Clean Sky għandu wkoll iqis l-esperjenza miksuba mit-tħaddim tal-Impriża Konġunta Clean Sky inklużi r-riżultati tal-evalwazzjoni interim tagħha u r-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet interessati¹¹. Għandu jkun implimentat bl-użu ta' struttura u regoli aktar adatti sabiex titjeb l-effiċjenza u biex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni. Għal dan l-għan, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tadotta regoli finanzjarji speċifiċi għall-ħtiġijiet tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹².

11

http://www.cleansky.eu/sites/default/files/news/csjuconsultationreview_final.pdf

¹² ĠU L 298, 26.10.2012, p.1.

Emenda

(7) L-appoġġ kontinwu għall-programm ta' riċerka Clean Sky għandu wkoll iqis l-esperjenza miksuba mit-tħaddim tal-Impriża Konġunta Clean Sky inklużi r-riżultati tal-evalwazzjoni interim tagħha u r-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet interessati¹¹. Għandu jkun implimentat ***b'mod miftuħ u trasparenti***, bl-użu ta' struttura aktar adattata u regoli sabiex titjeb l-effiċjenza u biex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni. Għal dan l-għan, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tadotta regoli finanzjarji speċifiċi għall-ħtiġijiet tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹².

11

http://www.cleansky.eu/sites/default/files/news/csjuconsultationreview_final.pdf

¹² ĠU L 298, 26.10.2012, p.1.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tikkonforma mar-Regolament (UE) Nru.../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tal-... 2013 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020 u fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)*¹³.

¹³ ĠU ... [H2020 RfP]

Emenda

(12) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tikkonforma mar-Regolament (UE) Nru.../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³. *L-istruttura tal-kuntratt ma għandhiex tkun differenti minn dik f'Orizzont 2020 u livelli ta' kuntratt addizzjonali li jgħolqu r-riskju ta' piżijiet amministrattivi żejda fuq il-parteċipanti għandhom jiġu evitati.*

¹³ *Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).*

Ġustifikazzjoni

Il-parteċipanti jipperċepixxu li Clean Sky invinta struttura bi tliet livelli ta' kuntratti, minflok iż-żewġ livelli li s-soltu kienu jintużaw f'FP7.

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Premessa 13**

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi ġestita skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u mar-regoli dwar ġestjoni indiretta stabbiliti **fir-Regolament** (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹⁴.

Emenda

(13) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni **għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2** għandha tiġi ġestita skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u mar-regoli **rilevanti** dwar ġestjoni indiretta stabbiliti **fl-Artikolu 60(1) sa (4) tar-Regolament** (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-

¹⁴ ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

¹⁴ ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) *Skont l-Artikolu 287(1) tat-Trattat, l-istrument kostitwenti ta' korpi, uffiċċji jew aġenziji stabbiliti mill-Unjoni jista' jipprekludi l-eżami tal-kontijiet tad-dħul u tan-nefqa kollha ta' dawk il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji mill-Qorti tal-Awdituri. Skont l-Artikolu 60(5) ta' Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-kontijiet ta' korpi mwaqqfin taħt l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għandhom jiġu eżaminati minn korp tal-awditi indipendenti li għandu jagħti opinjoni, fost l-oħrajn, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. L-evitar tad-duplikazzjoni tal-eżami tal-kontijiet jiġġustifika li l-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 ma għandhomx ikunu suġġetti għal eżami mill-Qorti tal-Awdituri.*

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) *B'deroga mill-Artikoli 60(7) u 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) ta' dak ir-Regolament m'għandhomx japplikaw għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2 iżda għandhom jiġu allinjati sa fejn possibbli ma'dawk previsti għall-korpi skont l-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. L-awditjar tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti għandhom isiru mill-Qorti tal-Awdituri.*

Nru 1291/2013 u bħala parti mill-Evalwazzjoni Interim Orizzont 2020, Impriżi Teknoloġiċi Konġunti, bħala strument ta' finanzjament partikolari ta' Orizzont 2020, għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni bir-reqqa li għandha tinkludi, fost l-oħrajn, analiżi tal-ftuħ, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' sħubijiet pubbliċi-privati abbażi tal-Artikolu 187 tat-TFUE.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-Impriża Konġunta Clean Sky ġiet **imwaqqfa** għal perjodu li **jintemm** fil-31 ta' Diċembru 2017. L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tipprovdi appoġġ kontinwat tal-programm ta' riċerka Clean Sky billi **twessa' l-ambitu tal-attivitajiet skont sett modifikat ta' regoli**. It-tranżizzjoni mill-Impriża Konġunta Clean Sky għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tkun allinjata u sinkronizzata mat-tranżizzjoni mis-Seba' Programm Qafas għall-Programm **ta' Qafas Orizzont 2020** biex jiġi żgurat **l-użu ottimu** tal-fondi disponibbli għar-riċerka. Fl-interess taċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 għandu għalhekk jitħassar u d-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom jiġu stipulati,

Emenda

(20) L-Impriża Konġunta Clean Sky ġiet **stabbilita** għal perjodu li **jintemm** fil-31 ta' Diċembru 2017. L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tipprovdi appoġġ kontinwat tal-programm ta' riċerka Clean Sky billi **timplimenta l-attivitajiet li fadal skedati fil-programm ta' riċerka Clean Sky skont ir-regoli tal-Impriża Konġunta Clean Sky**. It-tranżizzjoni mill-Impriża Konġunta Clean Sky għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tkun allinjata u sinkronizzata mat-tranżizzjoni mis-Seba' Programm Qafas għall-Programm Qafas Orizzont 2020 biex jiġi żgurat **l-aħjar użu** tal-fondi disponibbli għar-riċerka. Fl-interess taċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 għandu għalhekk jitħassar u d-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom jiġu stipulati,

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li l-Impriża Konġunta Clean Sky qiegħda biss timplimenta l-bqija tal-attivitajiet li oriġinarjament kienu previsti sal-2017 skont il-programm ta' riċerka Clean Sky - u xejn aktar. Dawk l-attivitajiet li fadal għandhom isegwu l-ġabra "qadima" ta' regoli ta' Clean Sky, filwaqt li l-attivitajiet ta' Clean Sky 2 għandhom isegwu l-ġabra "ġdida" ta' regoli. Filwaqt li dan diġà fih xogħol enormi, ebda modifika jew interferenza taż-żewġ settijiet ta' regoli m'għandha sseħħ bejn l-2014 u l-2017.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Bil-għan li jitwettaq l-objettiv ġenerali ta' Orizzont 2020, fosthom li tinkiseb simplifikazzjoni u armonizzazzjoni akbar tal-qafas tal-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell Ewropew, is-sejħiet kollha skont Clean Sky 2 għandhom jiġu mnedija mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

Ġustifikazzjoni

Il-parallelliżmu ta' żewġ ġenerazzjonijiet ta' JTIs li jagħmlu sejħiet għal proposti (b'numri differenti, regoli differenti, baġits differenti) jikkawża spejjeż amministrattivi, iżid il-kumplessità tal-fondi ta' riċerka tal-UE, u jaħbi l-ammonti attwali tal-fondi li jintefqu kull sena.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20b) Minħabba l-importanza ta' riċerka bażika fil-ħolqien ta' ideat li jippermettu soluzzjonijiet innovattivi futuri, għandhom jinħarġu sejħiet għal proposti ta' proġetti ta' R&D kollaborattivi fil-qasam tar-riċerka ajrunawtika skont Orizzont 2020, flimkien u b'mod parallel mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, partikolarment dwar ir-riċerka fil-Livelli ta' Tlestija Teknoloġika 1 sa 4;

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Regolament Orizzont 2020, l-attivitajiet ta' R&D koperti minn JTIs għandhom ukoll ikunu inklużi f'sejħiet regolari għal proposti fi programmi ta' ħidma ta' Orizzont 2020. Fil-każ ta' CS2, ir-rapporteur jirrakkomanda li titwettaq riċerka kollaborattiva b'mod parallel ma' attivitajiet CS2 f'livelli aktar baxxi ta' Tlestija Teknoloġika, biex tinkiseb inklużjoni usa' ta' universitajiet u SMEs fir-riċerka ajrunawtika ffinanzjata mill-UE, biex jiġi żgurat bilanċ bejn Livelli ta' Tlestija Teknoloġika aktar baxxa u aktar għolja, biex jinħoloq ambjent ta' riċerka kompetittiv u tissaħħaħ l-innovazzjoni futura.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 20c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20c) Minħabba l-importanza ta' innovazzjoni kontinwa għall-kompetittività tas-settur tat-trasport tal-Unjoni u l-għadd korrispondenti għoli ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti f'dan il-qasam, l-appropriazzjonijiet allokatil lill-Isfida tat-Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat taħt l-Isfidi tas-Soċjetà ta' Orizzont 2020 għandhom ikunu suġġetti għal valutazzjoni baġitarja dettaljata u żieda potenzjali bi qbil mal-Artikolu 26 tar-Regolament Orizzont 2020.

Ġustifikazzjoni

Bi tliet JTIs li se jkunu ffinanzjati mill-isfida tat-trasport - SESAR, Clean Sky 2 u aktarx Shift2Rail - il-baġit għal din l-isfida jidher partikolarment f'diffikultà, u dan iwassal għal effetti negattivi potenzjali fuq ir-riċerka kollaborattiva f'dan il-qasam. Ir-rapporteur, għalhekk, jirrakkomanda bil-qawwa rieżami baġitarju tal-isfida tat-trasport fir-rieżami ta' nofs it-terminu.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 20d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20d) Għandhom jiġu implimentati miżuri li jippromwovu l-partekipazzjoni tal-SMEs, tal-universitajiet u taċ-ċentri għar-riċerka. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu identifikati u indirizzati l-ostakli li ma jħallux lil partekipanti ġodda jieħdu sehem fil-programm.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 20e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20e) Filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji maħsuba bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali, kif ukoll il-programmi ta' R&D nazzjonali u reġjonali rilevanti, ir-reġjuni tal-Unjoni għandhom ikunu inkoraġġiti jikkontribwixxu proattivament għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, pereżempju billi jappoġġaw finanzjarjament infrastruttura ta' riċerka rilevanti, billi jippreparaw proposti, billi jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka jew l-attivitajiet ta' networking ta' atturi rilevanti, bl-għan li jsaħħu l-impatt reġjonali tal-attivitajiet ta' Clean Sky 2 u l-potenzjal tagħhom li joħlqu l-impjiegi u t-tkabbir fil-livell reġjonali.

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament Ewropew irnexxielu jimbotta b'suċċess għal artikolu ġdid fir-Regolament Qafas Orizzont 2020 li espliċitament jitlob sinerġiji akbar bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali. F'dan il-kuntest, il-JTIs m'għandhomx ikunu eċċezzjoni. Ir-reġjuni għandhom jiġu mħeġġa jikkontribwixxu għall-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari minħabba l-potenzjal kbir li għandhom biex isaħħu r-raggruppamenti reġjonali.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 20f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20f) Sabiex jiġi eliminat id-distakk fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa, għandhom jiġu żviluppati kumplimentarjetà u sinerġiji mill-qrib mal-Fondi Strutturali. Fejn possibbli, għandha tkun promossa l-interoperabbiltà bejn iż-żewġ strumenti. Il-finanzjamenti kumulattivi jew kombinati għandhom ikunu mħeġġa. F'dan il-kuntest, il-miżuri għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw b'mod sħiħ ir-riżorsi tat-talent Ewropew biex b'hekk jiġi ottimizzat l-impatt ekonomiku u soċjali tar-riċerka u l-innovazzjoni, u għandhom ikunu distinti imma komplementari fir-rigward tal-politiki u l-azzjonijiet tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fl-ajrunawtika, impriża konġunta skont it-tifsira tal-Artikolu 187 ***tat-Trattat (minn hawn 'il quddiem l-"Inizjattiva Konġunta Clean Sky 2"***), hija stabbilita għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2024.

1. Għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fl-ajrunawtika, impriża konġunta skont it-tifsira tal-Artikolu 187 hija stabbilita għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2024. ***Sabiex jitqies it-tul ta' żmien ta' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020), is-sejħiet kollha għal proposti għandhom jiġu mnedija sal-31 ta' Diċembru 2020.***

Ġustifikazzjoni

Il-parallelliżmu ta' żewġ ġenerazzjonijiet ta' JTIs li jagħmlu sejħiet għal proposti (b'membri

differenti, regoli differenti, baġits differenti) jikkawża spejjeż amministrattivi, iżid il-kumplessità tal-fondi ta' riċerka tal-UE, u jaħbi l-ammonti attwali ta' fondi li jintefqu kull sena.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 2a

Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet

1. Sabiex ikunu ssodisfati l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2, il-programm ta' riċerka Clean Sky 2 jista' jiffinanzja riċerka u jiżviluppa attivitajiet li jiġbru fihom il-Livelli ta' Tlestija Teknoloġika minn 2 sa 6.

2. Jekk il-programm ta' riċerka Clean Sky 2 jipprevedi attivitajiet ta' innovazzjoni li jkun fihom Livelli ta' Tlestija Teknoloġika minn 7 sa 8, ir-rati ta' finanzjament għal azzjonijiet indiretti għandhom jitnaqqsu skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu għandu l-għan li jiċċara l-iskop tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, b'mod partikolari fir-rigward tat-TRLs rilevanti koperti mill-programm ta' riċerka tagħha, minħabba li jidher li hemm suppożizzjoni li CS2 jopera qrib tas-suq, li normalment ma jkunx il-każ. Ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020 jitolbu ukoll aktar kunsiderazzjoni tal-kunċett TRL biex jiġu determinati l-livelli ta' fondi, kwistjoni li ġiet trattata f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-rati ta' fondi użati f'azzjonijiet indiretti.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Proposta għal Regolament

Emenda

1. Il-kontribut **massium** tal-Unjoni, inklużi l-approprijazzjonijiet tal-EFTA, lill-Impriża

1. Il-kontribut **massimu** tal-Unjoni, inklużi l-approprijazzjonijiet tal-EFTA, lill-Impriża

Konġunta Clean Sky 2, biex jtkoprew il-kostijiet amministrattivi u operattivi, għandu jkun ta' EUR **1.8** biljun. Il-kontribuzzjoni għandha tiġhallas mill-appropriazzjonijiet **fil-budget** ġenerali tal-Unjoni allokatu għall-Programm Speċifiku tal-Orizzont 2020 li jimplementa l-Programm ta' Qafas Orizzont 2020 skont l-Artikolu 58(1)(c)(iv), l-Artikolu 60 u l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għall-korpi msemmija fl-Artikolu 209 ta' dak ir-Regolament.

Konġunta Clean Sky 2, biex jtkoprew il-kostijiet amministrattivi u operattivi, għandu jkun ta' EUR **1.71** biljun. Il-kontribuzzjoni għandha tiġhallas mill-appropriazzjonijiet **fil-baġit** ġenerali tal-Unjoni allokatu għall-Programm Speċifiku tal-Orizzont 2020 li jimplementa l-Programm Qafas Orizzont 2020 skont l-Artikolu 58(1)(c)(iv), l-Artikolu 60**(1) sa (4)** u l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għall-korpi msemmija fl-Artikolu 209 ta' dak ir-Regolament.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Proposta għal Regolament

3. ***Il-ftehim*** ta' delega msemmi fil-paragrafu 2 għandu ***jkopri l-aspetti murija*** fl-Artikolu 58(3), ***l-Artikolu 60 u l-Artikolu 61*** tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fl-Artikolu 40 tar-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, kif ukoll, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

Emenda

3. ***Il-ftehim*** ta' delega msemmi fil-paragrafu 2 għandu ***jindirizza l-elementi*** stipulati fl-Artikolu 58(3) u ***l-Artikoli 60(1) sa (4)*** u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fl-Artikolu 40 tar-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 kif ukoll, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-arranġamenti rigward il-forniment tad-dejta meħtieġa biex tiżgura li l-Kummissjoni tkun kapaċi tissodisfa t-tixrid tagħha u l-obligazzjonijiet ta' rappurtaġġ;

Emenda

(d) l-arranġamenti rigward il-forniment tad-dejta meħtieġa biex tiżgura li l-Kummissjoni tkun kapaċi tissodisfa t-tixrid tagħha u l-obligazzjonijiet ta' rappurtaġġ, ***inkluża informazzjoni kompluta dwar il-proposti kollha u l-ftehimiet tal-għotja u l-imsieħba tagħhom li għandhom jiddaħħlu fid-database globali ta' Orizzont 2020***

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-kontribuzzjoni msemija fil-paragrafu 1 tkun magħmula mil-livelli li ġejjin:

(a) kontribuzzjonijiet lejn l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 kif stipulat fil-klawżola 15(2) u Klawżola 15(3)(b) tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness I;

(b) kontribuzzjonijiet in natura ta' mill-inqas EUR 990 miljun matul il-perjodu definit fl-Artikolu 1 mill-membri għajr l-Unjoni jew entitajiet affiljati magħhom, li jikkonsistu fl-ispejjeż imġarrba minnhom fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet addizzjonali barra l-pjan ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta Clean Sky. Programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni jistgħu jappoġġjaw dawk l-ispejjeż b'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli. F'dawn il-każijiet, il-finanzjament mill-Unjoni m'għandux jissostitwixxi l-kontribuzzjonijiet in natura mill-Membri għajr l-Unjoni jew l-entitajiet affiljati tagħhom.

L-ispejjeż imsemmija fil-punt (b) ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Impriża Konġunta Clean

Emenda

2. Il-kontribuzzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tkun magħmula mil-livelli li ġejjin:

(a) kontribuzzjonijiet lejn l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 kif stipulat fil-klawżola 15(2) u Klawżola 15(3)(b) tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness I.

(b) kontribuzzjonijiet in natura **għal attivitajiet addizzjonali** ta' mill-inqas EUR 990 miljun matul il-perjodu definit fl-Artikolu 1 mill-membri għajr l-Unjoni jew entitajiet affiljati magħhom, li jikkonsistu fl-ispejjeż imġarrba minnhom fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet addizzjonali barra l-pjan ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta Clean Sky. **Il-valur ta' dawn l-attivitajiet addizzjonali m'għandux ikun sostitut għall-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (a) u m'għandux jikkorrispondi għal kontribuzzjonijiet mill-Unjoni.** Programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni jistgħu jappoġġjaw dawk l-ispejjeż **jew jikkumplementaw dawk l-attivitajiet addizzjonali** b'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli. **Madankollu**, f'dawn il-każijiet, il-finanzjament mill-Unjoni m'għandux jissostitwixxi l-kontribuzzjonijiet in natura **għall-attivitajiet addizzjonali** mill-Membri għajr l-Unjoni jew l-entitajiet affiljati tagħhom.

L-ispejjeż imsemmija fil-punt (b) ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Impriża Konġunta Clean

Sky 2. L-attivitajiet korrispondenti għandhom ikun stabbiliti f'attivitajiet addizzjonali annwali fil-pjan li għandu jindika l-valur stmat ta' dawk il-kontribuzzjonijiet.

Sky 2. L-attivitajiet korrispondenti għandhom ikun stabbiliti f'attivitajiet addizzjonali annwali fil-pjan li għandu jindika l-valur stmat ta' dawk il-kontribuzzjonijiet.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u l-klawżola 15(3)(b) tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness I, l-ispejjeż għandhom jiġu stabbiliti skont il-prattika normali tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-entitajiet ikkonċernati, skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn kull waħda mill-entitajiet hija stabbilita, u l-istandards tal-kontabilità internazzjonali applikabbli/l-istandards ta' rappurtaġġ finanzjarju internazzjonali. L-ispejjeż għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur estern indipendenti maħtur mill-entità konċernata. Il-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għandha tiġi vverifikata mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2. F'każ li jifdal xi inċertezzi, dawn jistgħu jiġu awditjati mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2.

Emenda

4. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u l-klawżola 15(3)(b) tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness I, l-ispejjeż għandhom jiġu stabbiliti skont il-prattika normali tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-entitajiet ikkonċernati, skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn kull waħda mill-entitajiet hija stabbilita, u l-istandards tal-kontabilità internazzjonali applikabbli/l-istandards ta' rappurtaġġ finanzjarju internazzjonali. ***Huma biss l-ispejjeż imsemmija fil-klawżola 15(3)(b) tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness I li għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur estern indipendenti maħtur mill-entità konċernata. Il-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għandha tiġi vverifikata mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2. F'każ li jifdal xi inċertezzi, dawn jistgħu jiġu awditjati mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2. Membri għajr l-Unjoni li kkommettew ruħhom għal attivitajiet addizzjonali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għandhom jikkomunikaw aġġornamenti dwar it-tweqqiq tal-impenji rispettivi tagħhom u għandhom jirrappurtaw kull sena dwar l-attivitajiet addizzjonali tagħhom lill-pubbliku ġenerali.***

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tadotta r-regoli finanzjarji speċifiċi tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament (UE) Nru... [Regolament Delegat dwar Regolament Finanzjarju mudell għall-PPP].

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tadotta r-regoli finanzjarji speċifiċi tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament (UE) Nru... [Regolament Delegat dwar Regolament Finanzjarju mudell għall-PPP].

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tagħmel tajjeb għal kull dannu kkawżat mill-persunal tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom, skont il-prinċipji ġenerali komuni tal-liġijiet tal-Istati Membri.

Emenda

2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tagħmel tajjeb għal kull dannu kkawżat mill-persunal tagħha **u mill-membri tal-Bord tat-Tmexxija** fil-qadi ta' dmirijiethom, skont il-prinċipji ġenerali komuni tal-liġijiet tal-Istati Membri.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Sal-31 ta' Diċembru** 2017, il-Kummissjoni għandha **twettaq** evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni, u l-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament

Emenda

1. **Sat-30 ta' Ġunju** 2017, il-Kummissjoni għandha **torganizza** evalwazzjoni interim **indipendenti** tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni, u l-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament

Ewropew u lill-Kunsill *sat-30 ta' Ġunju 2018.*

Ewropew u lill-Kunsill *sal-31 ta' Diċembru 2017. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni interim indipendenti tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandhom jitqiesu fl-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020.*

B'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 u bħala parti mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020, Impriżi Teknoloġiċi Konġunti, bħala strument ta' finanzjament ta' Orizzont 2020, għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni bir-reqqa li għandha tinkludi, fost l-oħrajn, analiżi tal-ftuħ, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' sħubijiet pubbliċi-privati abbażi tal-Artikolu 187 tat-TFUE.

Sabiex tirreaġixxi għal sitwazzjonijiet mhux previsti jew għal żviluppi ġodda, il-Kummissjoni tista', wara l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 kif imsemmi fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament(UE) Nru 1291/2013 tagħmel rieżami, fi ħdan il-proċedura baġitarja annwali, tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2; sakemm dan ma jfixkilx l-ilħuq tal-objettivi ġenerali tagħha.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-rilaxx tal-baġit ta' implimentazzjoni b'kunsiderazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandhom ikunu parti mir-rilaxx mogħti mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, lill-Kummissjoni skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 319 tat-Trattat.

Emenda

1. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura prevista fir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tikkopera b'mod sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' rilaxx u tipprovdi, kif xieraq, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali neċessarja. F'dan il-kuntest, tista' tintalab tattendu laqgħat tal-korpi jew istituzzjonijiet rilevanti u tassistu lill-uffiċjal awtorizzanti tal-Kummissjoni b'delega.

Emenda

imħassar

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-klawżola 20(4) tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness I, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u persuni oħra awtorizzati minnha, kif ukoll il-Qorti tal-Awdituri, aċċess għall-postijiet tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, kif meħtieġ sabiex isiru dawn l-awditi.

Emenda

1. L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u persuni oħra awtorizzati minnha, kif ukoll il-Qorti tal-Awdituri, aċċess għall-postijiet tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, kif meħtieġ sabiex isiru dawn l-awditi.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

5a. Il-membri tal-persunal tal-Impriża Konġunta, id-Direttur Eżekuttiv u l-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinnotifikaw lill-OLAF immedjatament

Emenda

dwar kwalunkwe każ ta' frodi li seta' kellhom għarfien tiegħu fit-twettiq tad-dmirijiet jew tal-mandat tagħhom, mingħajr bl-ebda mod ma jinżammu responsabbli għalihom b'riżultat ta' dan.

Ġustifikazzjoni

Il-ġlieda kontra l-frodi trid tkun prijorità għall-Unjoni. Din is-sistema ta' notifikati, li diġà qed taħdem mill-inqas fi Stat Membru wieħed, hija għodda utli ħafna għal dan il-għan.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-Regolament (UE) Nru... **[Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020]** għandhom japplikaw għall-azzjonijiet **iffinanzjati** mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2. Skont dak ir-Regolament, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha titqies bħala korp ta' finanzjament u għandha ttiprovdi appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet indiretti kif inhu stabbilit fil-klawżola 2 tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness I.

Emenda

Ir-Regolament (UE) Nru **1290/2013 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rilevanti għall-implimentazzjoni tiegħu** għandhom japplikaw għall-azzjonijiet **indiretti ffinanzjati** mill-Impriża Konġunta tal-Clean Sky 2. Skont dak ir-Regolament, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha titqies bħala korp ta' finanzjament u għandha ttiprovdi appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet indiretti kif inhu stabbilit fil-klawżola 2 tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness I.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda sservi biex tiċċara li mhux biss ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni, iżda anke atti ta' implimentazzjoni relatati bħar-regoli għat-tressiq, l-evalwazzjoni, l-għażla, l-għoti u l-proċeduri ta' reviżjoni japplikaw. Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni dawn ir-regoli japplikaw biss għal azzjonijiet indiretti.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet operattivi speċifiċi tal-Impriża Konġunta Clean

Sky 2 u bi qbil mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 1290/2013, il-pjanijiet ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 jistgħu jidderogaw mill-kundizzjonijiet minimi għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ta' Orizzont 2020 billi jippermettu l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas entità legali waħda stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur jappoġġa bis-sħiħ l-idea ta' ġabra unika ta' regoli - ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni - għall-azzjonijiet kollha ffinanzjati minn Orizzont 2020, inklużi JTIs. Madankollu, meta titqies in-natura speċifika tas-settur tar-riċerka ajrunawtiku li hu fformat sew minn strutturi ta' forniment lineari, ir-rapporteur jemmen li hi ġustifikata deroga li tipprevedi klawżola monobenefiċjarja. Hu għalhekk japprova l-abbozz ta' Att Delegat dwar din il-kwistjoni.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Skont il-prinċipji tat-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni kif stabbiliti fl-Artikoli 35, 60(1) u 128(1) tar-Regolament (EU, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, is-sejħiet għal proposti kif ukoll sehjet għal espressjonijiet ta' interess organizzati mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandhom jiġu ppubblikati fuq il-Portal tal-internet għall-Parteċipanti ta' Orizzont 2020.

Ġustifikazzjoni

Waqt in-negozjati tat-trilogi ta' Orizzont 2020 l-istituzzjonijiet ftiehem li jippromwovu iktar koerenza tal-possibilitajiet kollha ta' sejħa ffinanzjati taħt Orizzont 2020. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni wegħdet li tippromwovi l-pubblikazzjoni ta' CfPs u CfEIs organizzati mill-JTIs fuq il-Portal għall-Parteċipanti ta' Orizzont 2020. Kollha qablu li jsegwu dan l-approċċ. Din l-emenda għandha l-għan li tibdel obbligazzjoni awtoimpost f'rekwiżit legali, biex

tiggarantixxi informazzjoni sempliċi u aċċessibbli lill-applikanti.

Emenda 34

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(c) “Imsieħeb ewlieni” tfisser entità ġuridika li tipparteċipa f’ITD jew IADP jew f’Attivitajiet Trasversali li ġiet magħżula wara sejħa kif inhu stabbilit fil-klawżola 4(2) u li taċċetta ***l-Istatuti preżenti billi tiffirma*** ittra ta’ approvazzjoni;

Emenda

(b) “Imsieħeb ewlieni” tfisser entità ġuridika li tipparteċipa f’ITD jew IADP jew f’attivitajiet trasversali li ***tkun*** ġiet magħżula wara sejħa kif inhu stabbilit fil-klawżola 4(2) u li ***tkun aċċettat dawn l-Istatuti permezz tal-iffirmar ta’*** ittra ta’ approvazzjoni ***wara dibattitu mill-korp responsabbli għall-governanza tagħha;***

Ġustifikazzjoni

Ittra biss mhix biżżejjed għall-aċċettazzjoni tal-istatuti

Emenda 35

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(r) ***tistimula*** l-involviment ta' SMEs fl-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet tas-Seba’ Programm Qafas u Orizzont 2020;

Emenda

(i) ***tiżgura*** l-involviment ta' SMEs fl-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet tas-Seba’ Programm Qafas u Orizzont 2020;

Emenda 36

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 2 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) toħloq kollegamenti ma’ firxa wiesgħa ta’ partijiet interessati inklużi

*organizzazzjonijiet ta' riċerka,
universitajiet u organizzazzjonijiet tas-
soċjetà ċivili;*

Emenda 37

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 3 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) mal-aċċettazzjoni ta' dawn l-Istatuti permezz ta' *ittra* ta' approvazzjoni, il-Mexxejja u l-Assoċjati kif *elenkat* fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, u l-Imsieħba Ewlenin li għandhom jintgħażlu skont il-klawżola 4(2).

Emenda

(b) mal-aċċettazzjoni ta' dawn l-Istatuti permezz *tal-ittra* ta' approvazzjoni *wara dibattitu mill-korp responsabbli għall-governanza tagħha*, il-Mexxejja u l-Assoċjati kif *elenkati* fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, u l-Imsieħba Ewlenin li għandhom jintgħażlu skont il-klawżola 4(2).

Emenda 38

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 4 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Imsieħba Ewlenin tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 u l-affiljati rilevanti tagħhom għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa miftuħa, mhux diskriminatorja u *sejħa* kompetittiva u suġġetta għal evalwazzjoni indipendenti. Is-sejħiet għandhom ikunu stigati mill-ħtieġa għal kapaċitajiet ewlenin fl-implimentazzjoni tal-programm. Huma għandhom ikunu ppubblikati fuq il-websajt ta' Clean Sky u kkomunikati permezz tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u kanali oħra sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli.

Emenda

2. L-Imsieħba Ewlenin tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 u l-affiljati rilevanti tagħhom għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa miftuħa, mhux diskriminatorja u kompetittiva u suġġetta għal evalwazzjoni indipendenti *skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013*. Is-sejħiet għandhom ikunu stigati mill-ħtieġa għal kapaċitajiet ewlenin fl-implimentazzjoni tal-programm. Huma għandhom ikunu ppubblikati fuq il-websajt ta' Clean Sky u kkomunikati permezz tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u kanali oħra sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiddefinixxi aktar it-tifsira ta' evalwazzjoni indipendenti, l-aktar evalwazzjoni permezz ta' esperti indipendenti maħtura skont ir-regoli mniżżla fl-Artikolu 37 tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 7 – punt 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

*Il-President tal-Grupp **ta' Rappreżentanti** tal-Istati għandu jkollu d-dritt jattendi għal-laqgħat tal-Bord **ta' Tmexxija bħala osservatur**.*

Emenda

*Il-President tal-Grupp **tar-Rappreżentanti** tal-Istati għandu jkollu d-dritt jattendi l-laqgħat tal-Bord **tat-Tmexxija u jieħu sehem fid-dibattiti tiegħu, iżda mingħajr ma jkollu dritt jivvota**.*

Ġustifikazzjoni

Kemm il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati kif ukoll il-Kumitat Xjentifiku huma korpi ta' konsulenza għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2 skont il-punt 5(2) tal-istatuti. Biex iwettqu kif xieraq dan ir-rwol huma għandhom jingħataw id-dritt kemm li jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu meta jkunu qed iseħħu. Min jagħti konsulenza għandu jkollu d-dritt jitkellem.

Emenda 40

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 7 – punt 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Il-President tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkollu d-dritt jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u jieħu sehem fid-dibattiti tiegħu, iżda mingħajr ma jkollu dritt jivvota.

Emenda

Ġustifikazzjoni

Kemm il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati kif ukoll il-Kumitat Xjentifiku huma korpi ta' konsulenza għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2 skont il-punt 5(2) tal-istatuti. Biex iwettqu kif xieraq dan ir-rwol huma għandhom jingħataw id-dritt kemm li jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu meta jkunu qed iseħħu. Min

jagħti konsulenza għandu jkollu d-dritt li jitkellem.

Emenda 41

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 7 – punt 3 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura **dettaljati** tiegħu.

Emenda

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ***u jagħmilhom pubbliċi.***

Emenda 42

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 8 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni kostanti bejn l-attivitajiet ta' Orizzont 2020 u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 billi regolarment tidentifika kumplimentarjetajiet u sinerġiji possibbli, inklużi d-duplikazzjonijiet mixtieqa, u timplimenta proċess ta' koordinazzjoni formali biex tipperfezzjona l-prijoritajiet ta' riċerka koperti minn riċerka kollaborattiva skont il-Programm Qafas u l-attivitajiet koperti mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2.

Ġustifikazzjoni

Hemm ħtieġa urġenti ta' koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka skont il-programm qafas u l-attivitajiet imwettqa minn JTIs, inkluża l-ġestjoni tad-duplikazzjoni mixtieqa u tas-sinerġiji u l-kumplimentarjetajiet meħtieġa. Naturalment dan il-kompitu jista' jitwettaq l-aħjar mill-Kummissjoni li r-rwol tagħha fl-istruttura tat-tmexxija tal-JTIs (50 % tal-voti) għandu jipprovdiha b'mezzi suffiċjenti biex tagħmel dan.

Emenda 43

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 8 – punt 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) japprova s-sejħiet ***kif ukoll, fejn xieraq, ir-regoli relatati għas-sottomissjoni, l-evalwazzjoni, l-għażla, l-għotjiet u l-proċeduri ta' reviżjoni;***

Emenda

(m) japprova s-sejħiet;

Ġustifikazzjoni

Għandhom japplikaw, mutatis mutandis, ir-regoli għas-sottomissjoni, l-evalwazzjoni, l-għażla, l-għoti u l-proċeduri għar-rieżami ta' Orizzont 2020.

Emenda 44

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 8 – punt 2 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) japprova l-lista ta' proposti u sejħiet għall-offerti magħżula għall-finanzjament;

Emenda

(n) japprova l-lista tal-proposti u sejħiet magħżula għall-finanzjament ***abbażi tal-klassifika magħmula minn bord ta' esperti indipendenti b'konformità mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013;***

Emenda 45

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 10 – punt 4 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) jinforma lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u l-Kumitat Xjentifiku regolament dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha għar-rwol konsultattiv tagħhom;

Ġustifikazzjoni

Sabiex iwettqu l-kompitu tagħhom bħala korpi konsultattivi għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u l-Kumitat Xjentifiku għandhom jirċievu informazzjoni adegwata dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 10 – punt 4 – punt ta (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ta) isegwi kwalunkwe rakkomandazzjoni li tirriżulta mill-evalwazzjoni finali tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, l-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 u kwalunkwe valutazzjoni rilevanti tal-attivitajiet ta' Clean Sky 2 fi żmien xieraq;

Ġustifikazzjoni

Din kienet rakkomandazzjoni li ġiet inkluża fl-ewwel Evalwazzjoni Interim Clean Sky. Sabiex ikun żgurat impatt suffiċjenti tal-evalwazzjonijiet formali previsti u biex titjeb il-kwalità tat-tmexxija tal-Impriża Konġunta, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli biex isegwi kwalunkwe rakkomandazzjoni rilevanti.

Emenda 47

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 10 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jimmaniġġaw is-sejħiet kif previst fil-pjan ta' ħidma u jamministra l-ftehimiet jew deċiżjonijiet, ***inklużi*** l-koordinazzjoni tagħhom;

(b) jimmaniġġja s-sejħiet, inkluża l-evalwazzjoni minn bord ta' esperti indipendenti kif previst fil-pjan ta' ħidma u jamministra l-ftehimiet jew deċiżjonijiet, ***inkluża*** l-koordinazzjoni tagħhom;

Emenda 48

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 10 – punt 5 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jissorvelja sistema ta' informazzjoni u promozzjoni għal parteċipazzjoni wiesgħa fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, prinċipalment is-sejħiet għal proposti, inkluża konnessjoni mas-sistema ta' punti ta' kuntatt nazżjonali.

Emenda 49

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 11 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) rappreżentant ta' kull Imsieħeb Ewlieni tal-ITDs jew il-IADPs;

(b) rappreżentant ta' kull Imsieħeb Ewlieni tal-ITDs jew il-IADPs. **Rappreżentanti tal-mexxejja ta' ITDs jew IADPs oħra jistgħu jipparteċipaw ukoll jekk jiddeċiedu li jagħmlu dan;**

Ġustifikazzjoni

Il-mexxejja l-oħra kollha tal-ITD u l-IADP għandhom jithallem jipparteċipaw fi kwalunkwe Kumitat tat-Tmexxija;

Emenda 50

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 11 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Regoli:

Kull Kumitat tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, fuq il-bażi ta'

5. Regoli:

Kull Kumitat tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu **u jagħmilhom**

mudell komuni għal kull Kumitat tat-Tmexxija.

pubbliċi, fuq il-bażi ta' mudell komuni għal kull Kumitat tat-Tmexxija.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 12 – punt 1 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ifassal rapport annwali dwar il-progress tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp f'kooperazzjoni mad-diviżjoni tal-komunikazzjonijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2;

Ġustifikazzjoni

Ikun rakkomandabbli li titqassam aktar informazzjoni li tkun faċilment aċċessibbli dwar il-progress u r-rendiment tal-JTI fuq bażi regolari, sabiex il-JTI tkun aktar viżibbli u jinħoloq għarfien tal-kisbiet tagħha fost il-pubbliku ġenerali.

Emenda 52

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 13 – punt 4 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) jagħti parir dwar l-orjentamenti strateġiċi u l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2;

Emenda 53

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 13 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' mill-inqas **darba** f'sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-President tiegħu.

5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' mill-inqas **darbtejn fis-sena**. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-President tiegħu.

Emenda 54

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 13 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari, b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2, dwar l-eżitu ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett, dwar is-sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ta' Clean Sky 2 u dwar it-tixrid u l-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka.

Emenda 55

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 13 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

7. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu **u jagħmilhom pubbliċi.**

Emenda 56

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 14 – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jiltaqa' mill-inqas **darba** fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-President tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv u l-president tal-Bord tat-Tmexxija jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jattendu

2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jiltaqa' mill-inqas **darbtejn** fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-President tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv u l-president tal-Bord tat-Tmexxija jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jattendu

l-laqgħat.

l-laqgħat.

Emenda 57

**Proposta għal regolament
Anness 1 – parti 14 – punt 3 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ir-rakkomandabbiltà tal-inklużjoni ta' prijorità ta' riċerka partikolari koperta mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2 f'sejħiet regolari fil-Programm Qafas Orizzont 2020 sabiex jiġu żviluppati sinerġiji ġodda ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' importanza strateġika;

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Anness 1 – parti 14 – punt 3 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) l-eżitu u l-ippjanar ta' sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti

Emenda 59

**Proposta għal regolament
Anness 1 – parti 14 – punt 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari, b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2, dwar l-eżitu ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett, dwar is sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, dwar l-implimentazzjoni tal-

baġit ta' Clean Sky 2 u dwar it-tixrid u l-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka.

Ġustifikazzjoni

Sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu bħala korp konsultattiv għall-Impriża Konġunta Clean Sky 2, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jirċievi informazzjoni adegwata dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha.

Emenda 60

**Proposta għal regolament
Anness 1 – parti 14 – punt 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu *stess*.

Emenda

6. Il-Grupp tar-Rappreżentanti għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ***jagħmilhom pubbliċi***.

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Anness 1 – parti 20 – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta annwalment lill-Bord tat-Tmexxija fuq it-tweqqiq tad-dmirijiet tiegħu/***tagħha*** skont ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2.

Sal-15 ta' Frar ta' kull sena ***d-Direttur*** Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni rapport ta' attività annwali dwar il-progress li sar mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2 fis-sena kalendarja preċedenti, b'mod partikolari b'rabta mal-pjan ta' ħidma. Dak ir-rapport għandu jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

Emenda

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta annwalment lill-Bord tat-Tmexxija fuq it-tweqqiq tad-dmirijiet tiegħu skont ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2.

Fi żmien xahrejn mill-għeluq ta' kull sena ***finanzjarja, id-Direttur*** Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni rapport ta' attività annwali dwar il-progress li ***jkun*** sar mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2 fis-sena kalendarja preċedenti, b'mod partikolari b'rabta mal-pjan ta' ħidma ***annwali ta' dik is-sena***. Dak ir-rapport għandu jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) riċerka, innovazzjoni u azzjonijiet oħra mwettqa u l-ispiża relatata;

(b) l-azzjonijiet sottomessi, inkluż analiżi statistika skont it-tip ta' parteċipant, inkluż SMEs, u bil-pajjiż;

(c) l-azzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar inkluża analiżi statistika skont it-tip ta' parteċipant, inkluż SMEs, u bil-pajjiż u li tindika l-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali.

(a) riċerka, innovazzjoni u azzjonijiet oħra mwettqa u l-ispiża relatata;

(b) l-azzjonijiet sottomessi, inkluż analiżi statistika skont it-tip ta' parteċipant, inkluż SMEs, u bil-pajjiż;

(c) l-azzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar inkluża analiżi statistika skont it-tip ta' parteċipant, inkluż SMEs, u bil-pajjiż u li tindika l-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali.

Emenda 62

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 20 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tirrapporta annwalment lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Emenda

3. Sal-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-Uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

Sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha tibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

Kif jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, skont l-Artikolu 148 tar-Regolament Finanzjarju, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jħejji l-kontijiet finali tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, u d-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħathom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat il-

kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, sal-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja.

Il-kontijiet finali jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara.

Sat-30 ta' Settembru, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet li tkun għamlet fir-rapport annwali tagħha. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat dik it-tweġiba lill-Bord tat-Tmexxija wkoll.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta quddiem il-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex tiġi applikata mingħajr diffikultajiet il-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni f'konformità mal-Artikolu 165(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Emenda 63

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 20 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandhom ikunu eżaminati minn korp indipendenti ta' awditu kif stipulat fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

imħassar

Il-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 ma għandhomx ikunu soġġetti għal eżami mill-Qorti tal-Awdituri.

Emenda 64

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 23 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Bord tat-Tmexxija **jista'** jadotta regoli sabiex jiġu evitati u mmaniġġjati l-kunflitti ta' interess applikabbli **lill-membri**, il-korpi u l-persunal tiegħu. F'dawk ir-regoli, għandha ssir dispożizzjoni biex ikun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess għar-rappreżentanti tal-membri li jservu fil-Bord tat-Tmexxija.

Emenda

2. Il-Bord tat-Tmexxija **għandu** jadotta regoli sabiex jiġu evitati u mmaniġġjati l-kunflitti ta' interess applikabbli **għall-membri**, il-korpi u l-persunal tiegħu. F'dawk ir-regoli, għandha ssir dispożizzjoni biex ikun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess għar-rappreżentanti tal-membri li jservu fil-Bord tat-Tmexxija.

Emenda 65

Proposta għal regolament Anness 1 – parti 24 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 tkun għaddejja mill-proċess ta' stralċ, l-assi tagħha għandhom jintużaw biex ikopru l-obbligi tagħha u l-ispiża relatata mal-proċess ta' stralċ. Kwalunkwe fdal għandu jitqassam fost il-membri fiż-żmien tal-proċess ta' stralċ proporzjonalment mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Impriża Konġunta Clean Sky 2. Kwalunkwe fdal bħal dan imqassam lill-Unjoni għandu jiġi ritornat **lill-baġit** tal-Unjoni.

Emenda

4. Meta l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 tkun għaddejja mill-proċess ta' stralċ, l-assi tagħha għandhom jintużaw biex ikopru l-obbligi tagħha u l-ispiża relatata mal-proċess ta' stralċ. Kwalunkwe fdal għandu jitqassam fost il-membri fiż-żmien tal-proċess ta' stralċ proporzjonalment mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Impriża Konġunta Clean Sky 2. Kwalunkwe fdal bħal dan imqassam lill-Unjoni għandu jiġi ritornat **lill-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020 fil-baġit** tal-Unjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar "Impriża Konġunta Clean Sky 2" (minn hawn 'il quddiem *Clean Sky 2 JU*) bħala parti importanti tal-Pakkett dwar l-Investiment fl-Innovazzjoni skont Orizzont 2020. Hu japprezza l-appoġġ kontinwu tal-Unjoni għall-Inizjattiva Teknoloġika Clean Sky u jinnota li ħafna rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-ewwel evalwazzjoni interim ta' Clean Sky JU ittieħdu mill-Kummissjoni. Hu jfaħħar partikolarment l-aspetti li ġejjin:

- l-effett ta' lieva perçettibbli f'termini ta' finanzji privati u l-impenn tal-industrija li twettaq attivitajiet addizzjonali
- struttura ta' governanza imtejba tal-JU
- Sħubija Pubblika-Privata aktar miftuħa permezz ta' sejħiet kompetittivi.

Madankollu, ir-rapporteur identifika diversi kwistjonijiet fil-proposta tal-Kummissjoni li għadhom jeħtieġu xi aġġustamenti. B'mod partikolari jirakkomanda tibdil fl-aspetti li ġejjin:

- adattament tal-budget
- armonizzazzjoni u koordinazzjoni ma' Orizzont 2020
- korpi konsultattivi msaħħa u aktar trasparenti.

Kunsiderazzjoni tar-Restrizzjonijiet Baġitarji ta' Orizzont 2020

Filwaqt li jagħraf li l-baġit ta' Clean Sky 2 kien ikkalkulat skont objettivi speċifiċi li ma nbidlux u li jeħtieġu l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet ta' dimostrazzjoni teknoloġika li tiswa ħafna flus, ir-rapporteur ma jappoġġax il-proposta tal-Kummissjoni li ma tmissx il-baġit ta' ħafna mill-JTIs wara li l-baġit ġenerali ta' Orizzont 2020 tnaqqas bi 12.5%. Ir-rapporteur jiddeplora ferm dan it-tnaqqis, imma jħoss li hu essenzjali li jinżamm il-bilanç previst inizjalment bejn ir-riċerka kollaborattiva skont Orizzont 2020 u l-attivitajiet tal-RDI tal-JTIs. Hu għalhekk jipproponi tnaqqis pro-rata ta' 12.5 % tal-kontribut tal-Unjoni għal Clean Sky 2 u għall-Pakkett ta' Investiment għall-Innovazzjoni inġenerali.

Fl-istess ħin jirakkomanda li jergġu jiġu kkunsidrati l-baġits tal-JTIs matul ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu. B'mod partikolari jemmen li l-finanzjament għall-isfida tat-trasport skont Orizzont 2020 għandu jidied fl-ewwel opportunità possibbli, dan minħabba r-restrizzjonijiet kbar ta' baġit li jidher li se jitffaċċaw, meta l-finanzjament jinkludi mhux biss Clean Sky 2 imma wkoll SESAR u ShiftRail. Altrimenti se jkun hemm biss ftit flus għar-riċerka kollaborattiva Ewropea fil-qasam tat-trasport.

Biex jittaffa t-tnaqqis tal-kontribut tal-Unjoni għal Clean Sky 2, ir-rapporteur jipproponi wkoll tnaqqis tat-tul ta' żmien ta' Clean Sky 2 mill-2024 għall-2020, biex isir allinjament maż-żmien tal-qafas ta' Orizzont 2020 li minnu l-JU qed tkun iffinanzjata, u jimplika b'hekk it-twaqqif ta' baġit imġedded għal Clean Sky wara l-2020. Dan għandu jippermetti li Clean Sky 2 twettaq l-attivitajiet tagħha kif ippjanat u tissodisfa l-objettivi tagħha f'perjodu ta' żmien previst.

Armonizzazzjoni u Koordinazzjoni bejn Clean Sky 2 u Orizzont 2020

Ġeneralment, ir-rapporteur jixtieq jara aktar armonizzazzjoni u koordinazzjoni bejn Clean Sky 2 u Orizzont 2020. It-tqassir tal-perjodu ta' żmien issuġġerit ta' Clean Sky 2 JU hu dirett lejn dan il-għan. Apparti l-fatt li din il-miżura tista' ttaffi l-effetti minħabba baġit ridott, hi għandha wkoll potenzjal kbir għal aktar simplifikazzjoni u tnaqqis ta' piż amministrattiv għall-parteċipanti u għall-Impriża Konġunta. Perjodu tranżitorju ta' erba' snin li jista' jara żewġ ġenerazzjonijiet ta' JTIs jagħmlu sejħiet - kull waħda tapplika regoli differenti għall-parteċipazzjoni u tiffunzjona bi strutturi ta' governanza differenti, membri differenti u baġits differenti - jikkawża spejjeż amministrattivi għolja, iżid il-kumplessità tal-finanzjament tar-riċerka tal-UE, u jaħbi l-ammonti attwali ta' fondi minfuqa annwalment. Li din is-sitwazzjoni terġa' sseħħ wara l-2020 għandu għalhekk ikun evitat akkost ta' kollox. Speċjalment wara dibattitu estensiv dwar is-simplifikazzjoni tal-Programm Qafas, li identifika "ġabra unika ta' regoli" bħala l-fundament tas-simplifikazzjoni, ir-rapporteur jemmen li dan il-prinċipju għandu jkun segwit matul l-implimentazzjoni tal-JTIs.

Barra minn hekk, diversi emendi huma maħsuba biex jiċċaraw l-iskop attwali tal-attivitajiet imwettqa minn Clean Sky 2. Ir-rapporteur jirrakkomanda ħidma b'referenzi ċari għal-Livelli ta' Tlestija Teknoloġika (TRLs), meta jiddeskrivi n-natura tal-attivitajiet ta' riċerka u dimostrazzjoni ta' Clean Sky 2, sabiex ikun evitat nuqqas ta' fehim tal-JU li topera "qrib is-suq".

Referenza għal TRL tista' wkoll tkun ta' għajjnuna meta jiġu kkoordinati l-attivitajiet ta' finanzjament tal-Programm Qafas u dawk tal-JU. Normalment, TRLs aktar baxxi għandhom tipikament ikunu koperti permezz ta' riċerka kollaborattiva skont Orizzont 2020. Madankollu, jekk il-JU tagħżel li twettaq l-attivitajiet TRL fil-livelli 2 sa 4, il-Kummissjoni għandha tiżgura li suġġetti ta' riċerka simili xorta jkunu koperti fil-programmi ta' ħidma regolari skont Orizzont 2020. Ir-rapporteur jistieden lill-Kummissjoni tieġu rwol attiv fil-koordinament tal-kontenut tal-programmi ta' ħidma ta' Orizzont 2020 u l-kontenut tal-pjanijiet ta' ħidma ta' Clean Sky 2.

Pass ieħor lejn aktar armonizzazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti u l-Programm Qafas għandu jkun evalwazzjoni interim konġunta. Tali evalwazzjoni interim m'għandhiex ikollha biss evalwazzjoni interim tal-Programm Qafas bħala tali - inkluż valutazzjoni dettaljata tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti bħala strument ta' finanzjament ta' Orizzont 2020 - imma wkoll kull evalwazzjoni interim individwali tal-Impriżi Konġunti differenti.

Governanza aħjar

Ħafna modifikazzjonijiet oħra żgħar issuġġeriti mir-rapporteur dwar il-governanza ta' Clean Sky 2 prinċipalment jimmiraw li jimplimentaw l-approċċ ta' politika ġdid tal-JTIs li kien maqbul fin-negozjati ta' Orizzont 2020. Dawn ifittxu li jsaħħu r-rwol taż-żewġ korpi konsultattivi tal-JU - il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u l-Kumitat Xjentifiku - u li jsaħħu t-trasparenza u l-ftuħ fl-istruttura ta' governanza tagħha.

Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u l-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu jistgħu jwettqu kif xieraq ir-rwol tagħhom bħala korpi konsultattivi għall-Impriża Konġunta. Huma

għandhom jiltaqgħu darbtejn fis-sena (mhux biss darba) u r-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jattendu u jikkellmu fil-laqgħat tal-bord ta' tmexxija. Iż-żewġ korpi għandhom ikunu infurmati dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha b'mod regolari.

Il-ftuħ u t-trasparenza m'għandhomx, madankollu, ikunu limitati għal operazzjonijiet interni u l-proċeduri ta' governanza tal-Impriża Konġunta. Ir-rapporteur introduċa diversi emendi li għandhom l-għan li jsaħħu dawn il-prinċipji anke dwar l-involvement tal-imsieħba fi Clean Sky 2 permezz ta' sejħiet kompetittivi għal proposti. Tali sejħiet għandhom ikunu ppubblikati fuq il-website CORDIS (jew is-suċċessur tagħha) u għandu jkun hemm esperti indipendenti biex jevalwaw il-proposti.

Fuq nota żgħira, ir-rapporteur ġeneralment jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni biex tirrifirma u tissimplifika l-involvement fil-bordijiet ta' tmexxija tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti. Iż-żamma ta' 50% tas-sehem tal-voti fil-Bord ta' Tmexxija ta' Clean Sky 2 effettivament hu ugwali għad-dritt tal-veto li l-Kummissjoni eżerċitat fi Clean Sky. Minkejja dan, ir-rapporteur jistenna li l-involvement meħtieġ tal-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet *kollha* tal-Bord ta' Tmexxija jippermettilha li tissalvagwarda u timplimenta l-approċċ ta' politika li kien maqbul matul in-negozjati ta' Orizzont 2020 lejn l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti inġenerali u fi Clean Sky 2 b'mod partikolari.

Effett ta' lieva addizzjonali

Ir-rapporteur japprezza ferm il-kunċett ta' attivitajiet addizzjonali li se jitwettqu minn membri privati ta' Clean Sky 2 u jinsab kuntent jara effett ta' lieva addizzjonali f'termini ta' fondi privati f'dan ir-rigward. Hu jemmen li tali attivitajiet għandhom jirrelataw mal-oġettivi ta' Clean Sky 2 u li għandhom ikunu ppjanati u rappurtati fuq bażi annwali, filwaqt li jistipulaw il-valur tagħhom f'termini ta' kontribuzzjoni addizzjonali mhux fi flus. Mandankollu, hu ma jixtieqx jara dawn l-attivitajiet addizzjonali jsiru suġġett għall-awditjar mill-Kummissjoni. Dan jista' jżid il-piż amministrattiv għall-membri privati u potenzjalment anke jwassal għal awditjar doppju ta' attivitajiet kofinanzjati b'mod nazzjonali. Dan jidher ukoll xi f'tit sporporzjonat, meta wieħed iqis in-natura mhux speċifika u mhux obbligatorja ta' dawn l-attivitajiet addizzjonali.

Ir-rapporteur jixtieq ukoll jenfasizza li l-effett ta' lieva addizzjonali jista' wkoll jinħoloq fil-livell reġjonali. B'artikolu ġdid fir-Regolament Qafas Orizzont 2020 li espliċitament jitlob sinerġiji aħjar bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali, il-JTIs m'għandhomx ikunu eċċezzjoni. Ir-reġjuni għandhom ikunu inkoraġġiti jikkontribwixxu bl-impenn tal-atturi tar-riċerka tagħhom fil-JTIs - pereżempju billi jappoġġaw infrastruttura ta' riċerka rilevanti, it-tnejn ta' proposti, jew attivitajiet ta' netwerking ta' atturi rilevanti. Wara kollox, il-JTIs għandhom potenzjal kbir fit-tisħiħ tar-raggruppamenti reġjonali.

L-istennija tal-Att Delegat dwar Clean Sky 2

Ir-rapporteur ħa nota tal-abbozz tal-att delegat ta' Clean Sky 2 li jipproponi devjazzjoni mill-kundizzjonijiet minimi għall-parteċipazzjoni f'sejħiet, kif inhuma previsti fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni f'Orizzont 2020. Hawn, l-att delegat jipproponi li tkun permessa parteċipazzjoni ta' entità legali waħda (minflok minimu ta' tlieta) fl-azzjonijiet diretti ta' Clean Sky 2. Meta titqies in-natura speċifika tas-settur tar-riċerka ajrunawtika li hu fformat sew

minn strutturi ta' forniment lineari, ir-rapporteur jemmen li hi ġustifikata deroga li tipprevedi "klawżola monobenefiċjarja". Hu għalhekk japprova l-abbozz tal-Att Delegat.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	23.1.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 4 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Christian Ehler, Vicky Ford, Gaston Franco, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Edit Herczog, Kent Johansson, Krišjānis Kariņš, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Vladimír Urutchev, Alejo Vidal-Quadras, Zbigniew Zaleski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Yves Cochet, Věra Flasarová, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Ivailo Kalfin, Vladko Todorov Panayotov, Lambert van Nistelrooij
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Basset